

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

12751/25

Fajls Interistituzzjonali:

2025/0200 (NLE)

2025/0213 (NLE)

2025/0216 (NLE)

2025/0220 (NLE)

2025/0225 (NLE)

FISC 238
ECOFIN 1158
AND 12
CH 45
FL 49
MC 12
SM 11

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Protokoll Emendatorji tal-Ftehimiet bejn l-UE u l-Iżvizzera, il-Liechtenstein, Andorra, Monaco u San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali

- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll Emendatorju tal-Ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji
- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Protokoll Emendatorju tal-Ftehim bejn l-UE u l-Liechtenstein dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji
- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Protokoll Emendatorju tal-Ftehim bejn l-UE u Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji
- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Protokoll Emendatorju tal-Ftehim bejn l-UE u Monaco dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji
- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Protokoll Emendatorju tal-Ftehim bejn l-UE u San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji

= Adozzjoni

1. Fl-10 ta' Lulju u s-17 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ressqet il-proposti għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Protokolli Emendatorji tal-Ftehimiet bejn l-UE u, rispettivament, l-Iżvizzera, il-Liechtenstein, Andorra, Monaco u San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex titjieb il-konformità fiskali internazzjonali.¹ Fil-każ tal-Iżvizzera, il-proposta dwar l-iffirmar tkopri wkoll l-applikazzjoni proviżorja.
2. L-għan tal-Ftehimiet eżistenti huwa li tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali f'konformità mal-Istandard Komuni ta' Rappurtar (CRS) żviluppat mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Fis-26 ta' Awwissu 2022, l-OECD approvat bidliet fis-CRS li ser japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026. L-għan ewlieni tal-proposti għad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq huwa li jiġi żgurat li l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri tal-UE u l-ħames pajjiżi rispettivi jkun allinjat mas-CRS aġġornat u jkompli jsir mill-1 ta' Jannar 2026.
3. Fil-21 ta' Awwissu 2025, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ħareġ l-opinjonijiet tiegħu dwar il-proposti għad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill².
4. Fit-3 ta' Settembru 2025 fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Diretta) id-delegazzjonijiet qablu dwar it-testi ta' kompromess tal-Presidenza dwar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar kif ukoll dwar il-Protokolli Emendatorji, soġġett għar-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti tat-testi. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) ġie infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali fit-23 ta' Settembru 2025.

¹ Id-dokumenti 11510/25 + ADD 1 (l-Iżvizzera); 11751/25 + ADD 1 (Liechtenstein); 11750/25 + ADD 1 (Andorra); 11760/25 + ADD 1 (Monaco); 11763/25 + ADD 1 (San Marino).

² Id-dokumenti 12199/25 (Iżvizzera), 12195/25 (Liechtenstein), 12196/25 (Andorra), 12197/25 (Monaco), 12198/25 (San Marino).

5. F'dan l-isfond, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill jadotta bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 11648/25;
 - Il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 11650/25;
 - Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 11785/25;
 - Il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 11786/25;
 - Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 11782/25;

- Il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 11783/25;
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali f'konformità mal-Istandard għall-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji fi Kwistjonijiet Fiskali żviluppat mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 11793/25;
- Il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali f'konformità mal-Istandard għall-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji fi Kwistjonijiet Fiskali żviluppat mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 11796/25;
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 11799/25;
- Il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 11800/25.